**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 30 ta' Novembru, 2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**vs**

**Peter Micallef**
**(K.I. 405069M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Peter Muscat** ta' 53 sena, iben Victor u Innocenza nee' Gauci, imwieled il-Pietà fit-30 ta' Settembru 1969 u residenti fi Ta' Luċ, Il-Ħbula, Limiti ta' Dingli, Malta:

1. Fuq talba tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol qed tiġi akkużat fil-kapaċità tiegħek personali u/jew bħala Project Supervisor maħtur mill-klijent fis-sit ta' kostruzzjoni sitwat f'Villa San Anton, Triq Patri Albert Caruana kantuniera ma' Triq San Pietru, Ġħarb nhar l-**20 ta' Ottubru 2022** matul il-ġurnata u/jew fix-xhur ta' qabel inqast milli tieħu l-miżuri kollha

meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta’ Art 6 ta’ A.L. 88/2018.

2. Akkużat wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi fil-kapaċità tiegħek ta’ Project Supervisor inqast milli tikkordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta’ A.L. 88/2018 sabiex tassigura li min jimpjega u, jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għal rashom japplikaw il-prinċipji relevanti f’manjiera konsistenti u meta meħtieġ, isegwu l-pjan tas-saħħa u sigurtà u dan ai termini ta’ Art. 5 (4) (d) ta’ A.L. 88/2018.

3. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi nqast milli tobdi ordni ta’ uffiċjal, ordni mogħtija bil-miktub li ġġib id-data tal-21 ta’ Ottubru 2022, biex tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta’ artikolu 17 (1) ta’ Att XXVII/2000 u Artikolu 38 (1) miżjuda skont il-verbal tal-20 ta’ Lulju 2023.

Rat il-provi;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Illi r-rappreżentanta tal-Awtorità Dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol Mira Borg xehdet illi fl-20 ta’ Ottubru 2022 għamlet spezzjoni f’sit ta’ kostruzzjoni fi Triq Patri Albert, kantuniera ma Triq San Pietru, l-Għarb, Għawdex. Ix-xogħol kien jikkonsisti fit-twaqqigħ ta' binja diġà eżistenti u minflokha l-kostruzzjoni ta' blokka ta' 8 appartamenti u garaxxijiet. Mir-riċerka li għamlet irriżulta illi fl-4 ta’ Mejju 2022 kienet ġiet sottomessa mal-Awtorità *Construction Notification Form* fejn l-akkużat kien ġie appuntat bħala *project supervisor*. Qalet li peress li kien hemm nuqqas ta' *railing* fil-parti ta' fuq ta' din il-blokka hija ħarġet ordni biex lill-*project supervisor* biex isiru x-xogħlijiet rimedjali u l-blokka ssir sigura kif ukoll sabiex jattendi *meeting*

l-Awtorità biex tagħmillu iżjed domandi fuq in-nuqqasijiet li sabet fuq is-sit. Qalet li fil-31 ta' Ottubru 2022, irċeviet email mingħand l-akkużat fejn bagħat rapport tax-xogħol rimedjali li sar u s-sit kien ġie sigur. Irċeviet ukoll kopja ta' Health and safety plan li għamel l-akkużat. Qalet li l-akkużat qatt ma attenda l-*meeting*, iżda biss bagħat id-dokumentazzjoni msemmija. Qalet li kien jidher li x-xogħolijiet saru.

In kontro-eżami xehdet illi għalkemm qatt ma tatu data sabiex jattendi, fuq il-email li bgħatitlu fil-21 ta' Ottubru 2022 hemm miktub biex (i) jagħmel ix-xogħolijiet rimedjali u (ii) jagħmel kuntatt magħha fi żmien ħamest' ijiem sabiex jiffissaw appuntament. Qalet li ma waħħlitx avviż fuq is-sit, għax m'hijiex il-proċedura tal-Awtorità, u li la dakinhar tal-ispezzjoni u lanqas wara ma kellmitu verbalment. Hija kkomunikat miegħu biss permezz tal-email. Hija kkonfermat li rċeviet ir-rapport dwar ix-xogħolijiet rimedjali u il-health and safety plan. Qalet li hija ma vvettjajtx il-health and safety plan.

Murija email datata l-31 ta' Ottubru 2022 kontenenti Health and safety site visit report qalet li ma rċevithiex. Qalet li fl-email tagħha tal-21 ta' Ottubru 2022 hemm ordni sabiex ix-xogħolijiet jitkomplew wara li s-sit isir sigur. Qalet ukoll li l-irwol tal-*project supervisor* huwa li jikkowordina s-sit ta' kostruzzjoni. Ir-responsabilità għax-xogħolijiet ta' twaħħil ta' *railings* huwa tal-kuntrattur. Ikkonfermat li l-akkużi, fost l-oħrajn, jirrigwardjaw in-nuqqas ta' *railings* mad-dawra tal-binja fl-ewwel sular.

Xehed ukoll Anthony Grech, is-sid tas-sit ta' kostruzzjoni, fejn qal illi huwa għamel xogħolijiet ta' kostruzzjoni fuq is-sit tiegħu u li qabbad lill-akkużat bħala *Project supervisor* għal dawn ix-xogħolijiet. Qal li l-akkużat kien jiġi regolarment fuq is-sit. Qal li dwar xogħolijiet l-akkużat kien ikellem lill-bennej fuq x'hemm bżonn isir. Qal li ma jafx jaqra u ma tantx juża l-email.

Xehed l-akkużat Peter Micallef fejn qal li in segwitu tal-email li rċieva mill-Awtorità fil-21 ta' Ottubru 2022, hu bgħatilha l-aħħar żewġ rapporti ta' qabel id-data tal-ispezzjoni, li qal li hija prattika normali li jitolbuhom waqt *meetings* bħalma talbet l-l-uffiċjal tal-Awtorità. Qal li wieħed minn dawn ir-rapporti hu datat 6 ta' Ottubru 2022 u l-iehor datat l-10 ta' Ottubru 2022. Qal li l-perikolu ta' waqghat mil-għoli huma

indikati bl-aħmar f'dawn ir-rapporti. Qal li hu bagħat dawn l-istess rapporti lil Antonio Grech u lil Econstruction, li kien il-kuntrattur, u anke ċempel lill-kuntrattur u ġibidlu l-attenzjoni dwarhom u dan qallu li bħal dak iż-żmien kien waqaf mix-xogħol hemmhekk u li kif jerġa' jmur kien ħa jwaħħalhom. L-akkużat qallu "aqbad waħħalhomli mill-ewwel" u kien tela' l-għada, jekk jiftakar sew. Qal li ilu jagħmel xogħol ta' Project supervisor għal għaxar snin u li r-*railings* fiżikament iwaħħalhom il-kuntrattur u li hija l-*main responsibility* tal-kuntrattur li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà ta' kulħadd. In kontro-eżami qal li x-xogħolijiet rimedjali kienu saru u filfatt għamel rapport dwar dan ukoll.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi dokumentarji prodotti jirriżulta illi fit-23 ta' April 2022, l-akkużat flimkien mas-sid tal-propjetà *de quo* issottomettew *Construction Notification Form* mal-Awtorità li permezz tagħha, l-akkużat ġie appuntat bħala *Project Supervisor*. Filfatt, fl-4 ta' Mejju 2022, l-akkużat ġie konfermat mill-Awtorità bħala l-project supervisor ta' dan il-proġett[1]. Illi l-kuntrattur ta' dan il-proġett hija "Econstruction".

Illi mill-email li l-akkużat bagħat lill-uffiċjal tal-Awtorità fil-31 ta' Ottubru 2022 fis-01:40PM[2] jirriżulta illi fil-11 ta' Ottubru 2022, l-akkużat kien bagħat lis-sid u lill-kuntrattur rapport ta' spezzjoni li saret fis-6 ta' Ottubru 2022 fid-09:10:00 fejn hemm indikat fir-rapport:

| ***5. Works at height*** | | |
|---|---|---|
| *Are shafts, edges and other openings secured by adequate edge protection?* | *Needs improvement* | *Edge protection should be improved/installed at sheer drop areas. This shuold include a top rail at 100cm, intermediate rail and toe boards and should be robut enough so as to withstand possible falls from height.* |

[1] Ara dok "MB4".
[2] Ara Dok "GS3".

Illi mill-email mibgħutha mill-akkużat lill-uffiċjal tal-Awtorità fil-31 ta' Ottubru 2022 fi 12:34[3] jirriżulta li fit-23 ta' Ottubru 2022, l-akkużat bagħat lis-sid tal-propjetà u lil kuntrattur rapport ta' spezzjoni li saret fit-22 ta' Ottubru 2022 fis-07:29:00[4]. F'dan ir-rapport hemm indikat is-segwenti:

| ***5. Works at height*** | | |
|---|---|---|
| *Are shafts, edges and other openings secured by adequate edge protection?* | *Good* | . |
| *Are all staircases secured by adequate edge protection?* | *Good* | |

Illi minn dan jirriżulta li fid-data tal-ewwel rapport, ossija s-06 ta' Ottubru 2022, l-akkużat kien diġà konsapevoli tal-fatt li ma kienx hemm protezzjoni adegwata għal waqgħat mill-għoli, tant li rrimarka dan propju fir-rapport tiegħu. Jirriżulta wkoll mill-provi li fid-data tal-ispezzjoni, ċioè fil-20 ta' Ottubru 2022, ir-railings kienu għadhom ma ġewx installati.[5] Jirriżulta, min-naħa l-oħra, li fl-ispezzjoni li saret mill-akkużat fit-22 ta' Ottubru 2022 *ir-railings* kienu twaħħlu u dan ifisser li neċessarjament, ir-*railings* twaħħlu f'xi ħin bejn l-20 ta' Ottubru 2022 u t-22 ta' Ottubru 2022, ossija fl-istess żmien fejn l-akkużat irċieva l-email mingħand l-uffiċjal tal-Awtorità[6] fejn fiha hemm indikat kjarament:

> *"To address falls from heights and other OHS shortcomings with immediate effect..."*

Illi b'hekk, dak li kien ilu pendenti tal-inqas sa mis-06 ta' Ottubru 2022 sar ftit jiem wara l-ispezzjoni tal-uffiċjal tal-Awtorità fl-istess żmien ta' meta inġibdet l-attenzjoni tal-akkużat għal dawn in-nuqqasijiet.

---

[3] Ara Dok "MB6" u dok "GS1"
[4] Ara wkoll dok "GS4"
[5] Ara minn Dok "MB1" sa "MB3".
[6] Fil-21 ta' Ottubru 2022.

Illi da parti tiegħu, id-difiża tal-akkużat hi li hu ġibed l-attenzjoni tas-sit tal-blokka diversi drabi fuq dawn in-nuqqasijiet. Jargumenta li x-xogħol tal-*project supervisor* m'huwiex li jkun il-ħin kollu fuq is-sit, iżda li jiġbed l-attenzjoni tas-sid fuq in-nuqqasijiet li jirriskontra. Imbagħad, hija responsabilità tas-sid jew tal-kuntrattur li jimplimenta l-istruzzjonijiet li jtiħ il-*project supervisor*. Illi l-fatt li s-sid ma jafx jaqra u ma tantx juża l-email ma teżonerahx mir-responsabiltajiet tiegħu *qua* sid. Illi fit-trattazzjoni tiegħu, id-difensur tal-akkużat jorbot dan l-argument mar-Regolament 8(3) tar-Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni).(L.S. 424.36) li jistipola li biex tiġi osservata s-saħħa u sigurtà fuq is-sit tal-kostruzzjoni, il-klijent (f'dan il-każ is-sid) għandu jieħu in konsiderazzjoni kull rapport bil-miktub mogħtija mis-supervisor tal-proġett, u għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li dawk responsabbli jirrispettaw l-obbligi tagħhom fil-limiti tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom. Illi fil-fehma tal-Qorti, madanakollu, dan ir-regolament flimkien mar-regolament 8(1) tal-istess Regolamenti ma jeżonerawx la lis-Sid u l-anqas lill-*project supervisor* mir-responsabilitajiet legali tagħhom.

Illi ġie pprovat quddiem din il-Qorti li erbatax-il jum qabel l-ispezzjoni tal-uffiċjal tal-Awtorità, ċioè fis-6 ta' Ottubru 2022 l-akkużat kien diġà konsapevoli ta' dawn in-nuqqasijiet u għalkemm bagħat email fil-11 ta' Ottubru 2022 (ossija ħamest' ijiem wara l-ispezzjoni tiegħu), sal-20 ta' Ottubru 2022 (ossija disat' ijiem wara li bgħat l-email) dawn in-nuqqasijiet ma kienux ġew indirizzati. Fix-xhieda tiegħu, l-akkużat qal li ċempel ukoll lill-kuntrattur dwar dawn in-nuqqasijiet. Ma qalx, però, meta ċempel lill-kuntrattur ossija jekk hux bejn il-perjodu tas-6 ta' Ottubru 2022 u l-20 ta' Ottubru 2022, jew bejn il-21 ta' Ottubru 2022 sa meta effettivament għamel l-ispezzjoni fit-22 ta' Ottubru 2022. Ma nġabitx prova ta' kemm il-darba ċempel lill-kuntrattur, apparti li ma tressaqx il-kuntrattur sabiex jixhed *in proposito* u jikkonferma dan kollu.

Illi fl-email tal-11 ta' Ottubru 2022, l-akkużat bagħat ir-rapport tiegħu, flimkien mal-messaġġ "*You are kindly requested to ensure that all remedial Works indicated in*

*this report are implemented with immediate effect*".[7] Illi jirriżulta ampju mit-tul taż-żmien bejn il-11 ta' Ottubru 2022 u d-data tal-ispezzjoni tal-20 ta' Ottubru 2022 li la s-sid u lanqas il-kuntrattur ma aġixxew b'effett immedjat. Huwa hawn fejn, fil-fehma tal-Qorti, l-akkużat naqas minn dmiru li jassigura li l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol jiġu implimentati. Għalkemm m'huwiex il-kompitu tal-*project supervisor* li personalment u fiżikament iwaħħal ir-*railings*, huwa l-kompitu tiegħu li jassigura li min hu responsabbli li jwaħħal ir-*railings* effettivament u immedjatament iwaħħalhom. Il-medda ta' disat' ijiem bejn meta talab (*kindly requested)* li jitwaħħlu r-*railings* u meta saret l-ispezzjoni[8] kien altru milli biżżejjed sabiex l-akkużat jaċċerta ruħu li din ir-rakkomandazzjoni tiegħu tiġi implimentata minn min hu responsabbli b'mod immedjat.

Ikkonsidrat;

Illi r-Regolament 5(4)(d) tar-Regolamenti msemmija jeżiġi fuq il-*project supervisor* l-obbligu li jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti sabiex jassigura li min jimpjega u, jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għall-rashom japplikaw il-prinċipji msemmija fir-Regolament 9 b'mod konsistenti u, meta meħtieġ, isegwu l-pjan ta' saħħa u sigurtà msemmi fir-Regolamenti.

Illi l-prinċipju ta' wara dan ir-regolament kien diġà jeżisti fil-liġi nostrana qabel l-introduzzjoni tal-Avviż Legali 88 tal-2018. Filfatt, ir-regolament 5(b) tal-Avviż Legali 281 tal-2004 kien simili ħafna għalih. Dwar dak ir-regolament, il-Qorti tal-Appell irriteniet fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Putzulu Caruana**[9] illi:

> *"Meta l-Ligi tuza l-kelma "koordinazzjoni" trid illi l-"Project Manager" ghandu jkun "on site" ilaqqa' l-partijiet kollha involuti fil-kostruzzjoni, jara x'mizuri ta' sigurta' ghandhom jittiehdu w jassigura illi dawk il-mizuri jkunu fil-fatt*

[7] Ara Dok GS3.
[8] bejn il-11 ta' Ottubru 2022 u l-20 ta' Ottubru 2022.
[9] **Il-Pulizija vs Marco Putzulu Caruana**, Qorti tal-Appell, 11 ta' Jannar 2010 (Appell nru 159/2009)

*ittiehdu. irid jikkoordina x-xoghol bejn is-sid, il-kuntrattur u d-diversi haddiema illi jkunu qeghdin jahdmu f'kwalunkwe hin f'xi sit ta' kostruzzjoni w jassigura illi dawn il-haddiema jkunu dejjem siguri w ma jkunux esposti ghall-periklu l-iktar u iktar meta jkun hemm bini gholi.*

*Peress illi sit ta' kostruzzjoni ghandu certa periklu imhabba nuqqas ta' ilqugh, bejn sular u iehor, u xaftijiet, hija responsabilita' tal-"Project Manager" illi jassigura illi dan is-sit ma jkunx ta' periklu ghall-haddiema w nies ohra illi jista' jkollhom access ghas-sit.*

*Din ir-responsabilita' ma tigix merfugha b'semplici email minghajr ma jkun hemm assigurazzjoni illi fil-fatt ir-rakkomandazzjonijiet qeghdin isiru.*

*Mhuwiex bizzejjed illi "Project Manager" jibghat email lill-"Works Manager" sabiex dan jikkomunika ma' persuna ohra biex isiru x-xogholijiet rimedjali. Bhala "Project Manager" irid ikun personalment "on site" sabiex jassigura illi r-rakkomandazzjonijiet tieghu qed jigu mwettqa."*

Illi minn dan jemerġi ċar li għalkemm għamel sewwa l-akkużat li ġibed l-attenzjoni tas-sid u tal-kuntrattur għal dawn in-nuqqasijiet, huwa ma setax jistrieħ biss fuq il-fatt li bagħat ir-rapport tiegħu lilhom u li, kif qed jgħid hu, ċempel lill-kuntrattur. Huwa kellu jaċċerta ruħu li dawn in-nuqqasijiet jiġu riżolti, kif filfatt ġew riżolti <u>wara</u> l-ispezzjoni tal-uffiċjal tal-Awtorità.

Aktar 'l quddiem fl-istess sentenza jingħad ukoll:

*"Ghalhekk fejn f'cirkostanzi ohra komunikazzjoni bl-email tista' tkun sufficjenti fejn dak li jkun jista' jwassal il-messagg tieghu, f'dan il-kaz, f'sit ta' kostruzzjoni, dan mhuwiex bizzejjed u l-"Project Manager" bhala l-persuna responsabbli ghas-Sahha w is-Sigurta' ghandu jassigura bil-presenza tieghu illi l-mizuri kollha ta' sigurta' fil-fatt qeghdin jittiehdu....*

*...“Koordinazzjoni” fis-sens tar-regolament tfisser li iggib f’relazzjoni ordnata d-diversi senghat u artiggjanati li jkunu ser jipprestaw is-servizzi taghhom fuq xoghol partikolari, liema relazzjoni ordnata ghandha twassal ghat-twettieq tax-xoghol minghajr periklu ghas-Sahha w Sigurta’ ta’ min ikun qed jahdem.*

*Kif gja inghad din ir-relazzjoni ordnata ma tigix imwettqa bl-emails u bir-ripurtagg ta’ dak illi jkunu osservaw l-ispetturi tad-dipartiment tas-Sahha w Sigurta’.”*

Illi fil-każ *de quo*, l-akkużat preżenta Health and Safety Plan dwar is-sit in kwistjoni.[10] Illi l-paragrafu 2 taħt l-intestatura “21.0 Working at Heights” hemm indikat ċar li għandu jiġi nstallat *edge protection* kull fejn hemm għoli ta’ aktar minn 2 metri. Dan jagħti deskrizzjoni wkoll tat-tip ta’ protezzjoni li trid tiġi nstallata. Illi jirriżulta għal din li-Qorti li l-akkużat naqas milli jikkowordina l-installar tal-*edge protection* fi żmien tempestiv u bl-inqas riskju għall-ħaddiema kollha tas-sit jew terzi persuni li għandhom aċċess għaliħ.

Fil-fehma tal-Qorti, għalkemm huwa xehed li skont hu, il-kuntrattur qallu li f’dak iż-żmien ma kienx qed isir xogħol, ma jnaqqas xejn mill-obbligu tiegħu li jaċċerta li s-sit ikun sigur skont l-istess pjan ta’ Health and Safety immedjatament.

B’hekk il-Qorti tqis li l-akkużat naqas mill-obbligi tiegħu li jikkordina l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet relevanti tal-pjan ta’ Health and Safety.

Ikkonsidrat;

Illi d-difiża tikkwerela wkoll l-għan ta’ wara t-talba għal-laqgħa magħmula fil-21 ta’ Ottubru 2022. Jgħid li meta ġiet mistoqsija l-għan wara tali laqgħa, l-uffiċjal tal-Awtorità rrispondiet “biex inkompli nagħmillu d-domandi” u mhux biex tissalvagwardja s-saħħa fuq il-post tax-xogħol, u tant hu hekk li tatu d-dritt tal-

[10] Dok “GS2”

avukat. Id-difiża tgħid li dik m'hijiex ordni skont l-Artikolu 17 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta iżda biss qed tgħidlu biex jagħmlu meeting u dan għax l-intiża tagħha jew tal-laqgħa ma kienitx biex tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Illi fl-ewwel lok, l-Artikolu 17 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li Uffiċjal tal-Awtorità jista' jagħti ordni, verbalment jew bil-miktub, biex jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u kull persuna għandha tobdi dan l-ordni minnufih sakemm ma jiġix revokat minn uffiċjal jew mill-Bord ta' Appelli.

Illi l-Ordni mogħtija mill-Uffiċjal tal-Awtorità Mira Borg tal-21 ta' Ottubru 2022 għandha żewġ aspetti:

1. Li jindirizza l-ilqugħ kontra waqgħat mill-għoli bix-xogħolijiet rimedjali; u
2. Li jikkomunika magħha fi żmien ħamest' ijiem sabiex jiġi organizzat meeting biex jiddiskutu dawk in-nuqqasijiet;

Illi l-Artikolu 17 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistipolax l-ordni tal-uffiċjal dwar xiex għandha tkun ħlief li għandha tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Jirriżulta ċar mill-email tal-Uffiċjal tal-Awtorità tal-21 ta' Ottubru 2022 li l-ordni kienet sabiex jikkuntattjaha għall-finijiet li jiġi miftiehem appuntament *sic et simpliciter*. Jirriżulta mill-provi li l-akkużat ma kellimhiex f'dawk il-ħamest' ijiem iżda bagħat ir-rapport tax-xogħolijiet rimedjali għaxart' ijiem wara d-data tal-email. Il-fatt li ma ngħatax data sabiex jiltaqa' magħha huwa irrelevanti f'dan il-każ għaliex l-ordni ma kienitx biex imur f'data jew ħin, iżda biss biex jikkuntattjaha għall-finijiet ta' appuntament.

Illi di più, l-ordni mogħtija hija ċara li l-għan tal-appuntament li kellu jsir huwa biex "*to discuss these issues*" b'rabta man-nuqqasijiet indikati fl-ewwel branka tal-email tagħha. Fix-xhieda tiegħu, l-akkużat qal li "*Jien lil Ms Mira bgħattilha l-aħħar żewġ rapporti ta' qabel l-ispezzjoni tagħha, li hija prattika normali li jitolbuna waqt dan il-meeting li talbet hi...".* filwaqt li aktar 'l quddiem fix-xhieda tiegħu huwa jikkonferma li ilu jagħmel dan ix-xogħol għal madwar 10 snin.

Illi l-fatt li l-akkużat kien jaf, mil-esperjenza tiegħu, x'kien ser jintalab mill-Uffiċjal ma jeżentaħx mill-obbligu li jobdi l-ordni tagħha u jikkomunika magħha biex tiġi ffissata laqgħa. Il-fatt li hu stess kien jaf dak li aktarx kien se jintalab juri kjarament li l-għan li tiġi ffissata laqgħa kien propju sabiex jiġu diskussi l-passi meħtieġa sabiex jiġu salvagwardjati s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Naturalment, bil-fatt li ċerta nuqqasijiet jistgħu iġibu reità kriminali f'min iwettaqhom, huwa d-dritt ta min jissejjaħ li jkun assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu sabiex b'dak li jirrispondi ma jinkriminax lilu nnifsu. Il-fatt li ngħata dan id-dritt, madanakollu, ma jnaqqas xejn mill-fatt li tali laqgħa kellha tkun intiża sabiex jiġu salvagwardjati s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Del resto, l-istess email tispeċifika "*to discuss these issues"* kif hawn fuq spjegat.

B'hekk, bil-fatt li huwa naqas milli jikkomunika mal-uffiċjal tal-Awtorità, huwa kiser id-disposizzjoni tal-Artikolu 17 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Illi għall-finijiet ta' kalibrar tal-piena, madanakollu, il-Qorti ser tieħu kunsiderazzjoni tal-fatt illi l-akkużat aċċerta ruħu li r-railngs jitwaħħlu u li effettivament twaħħlu ftit żmien wara l-ispezzjoni tal-uffiċjal tal-Awtorità.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 5(4)(d) u 6 tar-Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) (L.S. 424. 36) u l-Artikoli 17(1) u 38(1) u (3) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil **Peter Micallef <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannaħ għal multa ta' tlett elef Ewro (€3,000).

**Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**